**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Alan Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 889/15**

**Illum, 7 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alan Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 532384(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Novembru 2015 u fil-granet ta' qabel, minn gewwa s-Siggiewi:

> B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,
>
> 1. Ikkommetta serq (ta' diversi ghoddod u materjal tal-kostruzzjoni) liema serq huwa aggravat bil-valur, u bil-hin, ghad-dannu ta' Francesco Saverio Cutajar, Antoine Mallia u Nicola Vella;
>
> 2. Ikkommetta serq (ta' musmar tal-kostruzzjoni) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' valur ta' izjed minn €2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia;
>
> 3. Laqa' ghandu hwejjeg misruqa, (cioe` diversi ghoddod u materjal tal-kostruzzjoni, ta' valur ta' izjed minn €2329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Josette Demicoli LL.D., *f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif ukoll illi jirtira gewwa r-residenza mhux izjed tard mit-20.00 ta' filghaxija u ma johrogx qabel it-08.00 ta' filghodu*, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Alan Azzopardi u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 6500 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar tali ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija ghal tlett snin, moghtija mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. nhar id-19 ta' Frar 2014

6. U aktar talli kkommetta reati waqt li kien taht ordni operattiva ta' liberta` kondizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr N Galea Sciberras LL.D., nhar is-7 ta' Mejju 2013, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

7. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan bi ksur ta' artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. F'kaz ta' htija, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba tordna l-konfiska ta' vettura COL 206.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u l-provi prodotti;

Rat lil-imputat ametta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015 u li kkonferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2015.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 28, 49, 50, 267, 270, 271, 289, 334 u 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Alan Azzopardi** hati tal-akkuzi kollha u stante li t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi qed tikkundannah ghal piena komplessiva ta' erba' (4) snin u tlett (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti mhix ser tikkonfiska d-depozitu u l-garanzija personali mposti mid-digriet tal-helsien mill-arrest imposta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli izda tordna r-revoka ta' tali digriet. Il-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni mhux qed tornda l-konfiska tal-vettura COL 206.

Finalment u stante li l-imputat wera disponibilita` serja sabiex jirriabilita ruhu mid-droga, l-Qorti tirrakomanda illi l-imputat jitqieghed fil-lista sabiex ikun jista' jattendi programm residenzjali ghad-droga meta jkun opportun.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**